# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.

**Appell Nru:202/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Antoine Schembri**

**<u>Illum 5 ta' Settembru, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Antoine Schembri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **581181M**, fejn kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-sittax (16) ta' Lulju 2022 ghall-habta ta' 23:40 waqt li kien gewwa il-basement tal-binja San Antonio, Triq Wied Blandun paola, huma allegatament ghamel is-segwenti;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 23.29 Euro izda anqas minn 250 Ewro ghad-dannu ta' Joseph Cacopardo bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Mejju 2023 fejn sabet lill-appellant Antoine Schembri hati ta' l-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel Qorti fissret il-portata tas-sentenza lill-hati. Il-Qorti ordnat lill-hati li ghandu jikompensa lil Joseph Caccopardo is-somma kumplessiva ta' tlieta u tmenin Euro u hamsa u disghin centezmi (€83.95) fi zmien sitt (6) xhur mid data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Antoine Schembri**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Mejju , 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Schembri**, tal-15 ta' Mejju 2023, billi tilqa' dan l-appell u konsegwentement tilliberahh mil-akkuza migjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u htija skont il-ligi;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. **Illi l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-ahjar prova dwar il-hsara allegatament ikkaġunata mill appellant.**

**i.** Illi bis-sovut rispett, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan ghaliex ma ngabet l-ebda prova li turi ness bejn l-azzjoni tal-appellant u l-hsara allegatament sofferta mil-*parte civile;*

**ii.** Illi tajjeb illi jiġi rimarkat ukoll illi lanqas ma ġiet preżentata kwalunkwe prova jew rapport li juri li dawn ir-*remotes* verament soffrew hsara u li l-hsara ġiet ikkaġunata permezz tal-ilma illi dahal kif allega l-*parte civile.* Illi fil-fatt, iz-zewg xhieda preżentati mil-prosekuzzjoni u cioe r-rapprezentat ta' KHS Megastore u r-rapprezentat ta' Scan xhedu illi huma ma rawx dawn ir-remotes imma gew

inkarigati biss sabiex johorgu stima. Ghaldaqstant, la setghu jikkonfermaw jekk dawn ir-remotes propjeta' tal-*parte civile* effetivament sofrewx xi danni u lanqas setghu jikkonfermaw il-kawza tad-danni;

***iii.*** Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kriminali preseduta mil-Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano datata 24 ta' Frar 2003, fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Zahra**, l-istess Qorti pronunzjat illi "L-*istima maghmula mix-xhud Paul Borg ( ara doument CC eżebit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit normali mill-Qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tiġi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali ( moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici ) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-gudikant , fis-sens li jekk il-gudikant ikun jidhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jeżamina l-oggett in kwistjoni ; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivitament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit.'*

**iv.** Illi f'dan il-kaz, nonostante n-nuqqas ta'qbil u nonostante illi l-appellant cahad illi kkaguna din il-hsara, il-hsara la ġiet apprezzata direttament mil-gudikant u lanqas tqabbad perit mil-Qorti sabiex jaghti l-fehma tieghu. Ulterjorment, il-parti leza preżentat biss tsima u mhux kemm effettivitament hallas sabiex saret tiswija;

**v.** Illi ulterjorment, jirrizulta illi l-*parte civile* ma hax dawn ir-remotes ghand xi espert tekniku sabiex ikun jista' jara jekk dawn ghadnhomx xi dannu, iżda huwa biss talab iz-zewg kumpaniji rispettivi sabiex johorgulu stima ta' kemm jiswew ir-remotes godda .

2. **<u>Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi jekk verament kien hemm hsara, din saret volontarjament kif jipprovdi l-artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

i. Illi ulterjoment, il-prosekuzzjoni naqset ukoll illi ġġib prova fil-grad rikjest mill-ligi li turi li jekk verament saret hsara, din saret volontarjament kif jipprovdi l-artikolu 325 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn imkien ma rrizulta illi l-appellant kellu l-intenzjoni illi b'xi mod jaghmel hsara fil-proprjeta' tal-*parti leza* tant illi huwa dejjem sahaq illi huwa kien qieghed jahsel il-parti tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrtaaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li din il-kawza giet assenjata lilha b'digriet ta assenjazzjoni mahrug mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef nhar il-15 ta' Dicembru, 2023.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif prodotti u dan ghaliex ma ipprovatx innexus bejn l-ghemil kolpuz tal-appellant u l-allegat hsara li qed jikklemja l-parte civile, fit-tieni lok ma gietx provata l-allegata hsara skond il-ligi u fit-tielet lok ma giex provata l-volontarjeta tal-att kif rikjest fid-disposizzjoni tal-artikolu 325 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx

ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjon.[1]

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal: -

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :.
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[3].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-

---

Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu
428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[4].

Pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

Ghalhekk jispetta din l-Onorabbli qorti ta revizjoni sbeix tara x'kienu l-provi li gew prodotti.

Rat ix-xhieda ta' **PS 232 Oxana Briffa** moghtija permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 10. Spjegat li nhar is-17 ta' Lulju 2022 ghall-habta ta' 01.15 Joseph Cocopardo kien mar l-ghassa sabiex jaghmel rapport fil-konfront ta' Antoine Schembri li ghandhom garaxx ma genb xulxin gewwa l-basement tal-binja 'San Antonio, Triq Wied Blandun, Paola'. Dan qallha li nhar is-16 ta' Lulju, 2022 ghall-habta ta' 23.40 p.m it-tifel tieghu Joseph Cocopardo ra l-kameras tas-sigurta fejn deher Antoine hiereg minn gewwa l-garaxx tieghu (numru 3) qabbad pajp mal-giebja u beda jitfa ilma tad-dranagg bi pressa fuq l-affarijiet li ghandu barra u mal-bieb tal-garaxx tieghu. Il-garaxx tieghu huwa numru 2. B'tali mod li l-ilma beda jidhol fi-xquq tal-bieb u mill-louvers bil-konsegwenza li nahrqu zewg remotes wahda tal-fan u l-ohra tal-Hi Fi unit u xarrab ukoll il-main tad-dawl. Dan holoq riskju ta' xok ghalih u ghalihom. Qal ukoll li din kienet it-tielet darba li Schmebri ghamel hekk.  Qalet li Cocopardo ghandu filmat fejn juri lil Antoine hiereg mill-garaxx u jitfa l-ilma.

Hija ghamlet kuntatt ma' Antoine sabiex tkellmu fuq dan ir-rapport u wara li tatu d-drittijiet tiehu dan irrifjuta li jkun assistit minn avukat. Mistoqsi ghal versjoni tieghu ta' dak li kien gara stqarr li fil-23.30 kien qed jahsel il-garaxx tieghu minhabba ir-riha ta' klieb u suf. X'hin hareg bil-pajp huwa beda jahsel il-bieb ta' garaxx tieghu stess, mhux ta' Joseph.

**Joseph Cocopardo** pprezentalha stima tar-remote tal Hi Fi mahruga mis-socjeta Scan fl-ammont ta' €25.95 kif ukoll stima ta' remote control mahruga mill-kumpanija KHS Megastore fl-ammont ta' €58.00 esebiti a fol. 8 u 9 tal-process.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Joseph Cocopardo** nhar il-5 ta' Dicembru 2022 u jghid li nhar is-16 ta Lulju, 2022 kien daqqlu l-alarm tac- CCTV ghall-habta tal-11.30 p.m. Spjega li ghandu *application* fil-mobile imqabda ma' din l-alarm fuq zewg garaxxijiet 'numru 5, Triq Wied Blandun Rahal, Gdid' fejn hemm zewg CCTVs. Dawn jiffukaw fuq il-garage tieghu. Dahal jara x'kien gara u ra lil Antoine Schmebri b'pipe tal-ilma bil-pressa u dan kien qed jitfa l-ilma fil-garaxxijiet u huwa ghandu l-louvers u dahhalu l-ilma. Qal fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2023 li l-bieb tal-garage tieghu m'ghandux seals

u ghalhekk bejn bieba u ohra hemm l-ispazju u l-ilma dahal mill-louvers u xarrbulu zewg remotes u l-main tad-dawl. Ir-remote kienu imwahlin b'holder ghal tal-apposta wara l-bieb mal-hajt.

**Kenneth Pulicino** ghan-nom ta' KHS Megastore xehed nhar il-5 ta' Dicembru 2022 u muri l-istima esebita fl-atti a fol.8 jghid li din tirriwarda *remote* ta' *ceiling fan* u inharget mill-hanut tieghu. Qal li l-hanut tieghu huwa taHardware store gewwa Haz Zabbar.

**Sammy Borg** ghan-nom ta' Scan Computers xehed nhar il-5 ta' Dicembru, 2022 u muri l-istima esebita fl-atti a fol.27 Dok SB1. Jghid li din harget fuq remote control fuq HiFi systems u hija datata 21 ta' Lulju 2022. Din ghandha valur ta €25.90. Qal li ma jafx jekk il-klijent kienx xtara din ir-remote ghax fil-fatt din hija biss stima u mir-records li ghandu ma jirrizultax li effettivament kien xtara wahda.

**Joseph Cocopardo** bin l-kwerelant xehed nhar id-9 ta' Jannar, 2023 u esebixxa id-download li ghamel minn fuq il camera tas CCTV li jinsab esbit a fol. 40 tal-atti u l-qorti esamiant dan l-istess esebit.

L-appellant **Antone Schembri** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-6 ta' Marzu 2023 u spjega li l-kwerelant ghandu garage vicin tieghu minkejja li ma jghix hemm u dejjem jipprova idahlu fl-inkwiet. Dejjem ihossu anzjuz meta ikun hdejh ghaliex dejjem jivvinta fuqu. Nhar is-16 ta Lulju, 2022 kienu baghtu ghalih il-pulizija ghaliex kien tefa ilma mal-garaxx. Qal li vera kien qed jahsel il-garage bhas-soltu ghax ghandu l-klieb u qalulu li kien tefa l-ilma gol-grage tieghu. Dahal l-ilma icarcar minn mal-bieb, u dan dahal fil-garage tieghu allegatament minn gol-louvers u qalulu li kien xarrablu r-remote controls lli kellu. Qal li din il-bicca xoghol ghamilha kemm il-darba minhabba li ghandu l-klieb u ghalhekk ikun hemm is-suf u ir-riha. Jghid li ma jafx kif inhu possibli li xxarbulu dawn l-affarijiet meta huwa kien qed jahsel barra. Mistoqsi jekk jinnegax li kien qed jitfa l-ilma fil-garage jghid li le izda mhux mal-bieb tal-kwerelant. Izda ma tefghax l-ilma dirett ghal ghandu, kien qed jahsel il-garage.

**Ikkunsidrat.**

Illi mis-suespost jirizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-appellant verament tefa l-ilma fil-garage fejn ghandu proprjeta l-kwerelant izda dan ghamlu biex inaddaf il-garage mir-riha tal-kieb u biex inehhi is-suf tal-klieb tal-kwerelant. Jammeta li kien bil-pipe f'idu inaddaf izda ma jafx li xarrab xi affarijiet konsistenti f'xi remotes proprjeta tal-kwerelant. Il-kwerelat minnaha tieghu jghid li minhabba l-kawza tal-ilma iz-zewg remotes li kellu ma baqghux jahdmu kawza tal-penetrazzjoni tal-ilma. Il-prosekuzzjoni pero ma ressqet l-ebda prova dwar id-danni li gew kagunati u dan ghaliex r-remotes ma gewx esebiti u wisq inqas ma gew murija lil xi espert biex johrog xi stima dwar l-allegat hsara. Il-prosekuzzjoni tramite l-kwerelant pprezentat zewg stimi minn zewg hwienet differenti wahda ta' Hi Fi equipment u l-ohra ta' Fan pero hadd mill-persuni li hareg dawn l-istimi ma qal li ra dawn ir-remotes kienu danneggjati. Mhux hekk izda lanqas jirrizulta li in effetti l-kwerelant rega xtara dawn ir-remotes. Din ma hiex kwistjoni kif stqarret l-ewwel Qorti li din il-Qorti tista' taccetta stima mahruga minn xhud ex-parte ghax dak huwa minnu izda din hi materja fejn il-persuna li harget l-istima ma ratx l-oggett li allegatament kien danneggjat u ghalhekk jonqos il-prova tal-hsara.

La darba qegħdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): "*Il così detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata oltre kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċara li mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni". F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5

ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Ebejer</u>**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **<u>Miller vs. Minister of Pension</u>** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*": "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant kellu ragun f'dak li stqar fir-rikors tal-appell tieghu li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi. Ma pprovatx li dak lamentat mill-kwerelant kien minnu u cioe li l-appellant ikkagunalu hsara fir-remotes tieghu u ghalhekk qed tilqa l-appell tieghu u tillibera l-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**